



Brussell, 4 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12795/19

ENV 827
DEVG 188
ECO 103
SAN 418
PECH 429
AGRI 482
IND 247
CHIM 128
ENER 454
RECH 451
TRANS 469

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali - Nibdlu x-Xejriet Flimkien - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali - Nibdlu x-Xejriet Flimkien", kif adottati mill-Kunsill fit-3716-il laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Ottubru 2019.

It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali - Nibdlu x-Xejriet Flimkien

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR li għal aktar minn 40 sena, il-Programmi ta' Azzjoni Ambjentali (EAPs), imħejjija flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, ipprovdew lill-UE oqfsa ta' politika dwar l-ambjent u l-klima li kkontribwixxew biex jintlaħqu għanijiet ambjentali u jintegraw l-ambjent f'oqsma oħra tal-politika tal-UE;

FILWAQT LI JFAKKAR li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 192(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) l-UE għandha tadotta EAPs f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja biex tipprovdi gwida strateġika u tiżgura azzjoni prevedibbli u koordinata għall-politika Ewropea dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima;

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Nġixxu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"¹ (is-Seba' EAP), li tippreżenta viżjoni għall-2050 b'narrattiva ta' politika dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima bħala mutur għat-tkabbir ekoloġiku, pjaneta b'saħħitha u titjib fil-benesseri tal-bniedem;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), u d-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni "Lejn Ewropa sostenibbli sal-2030";

¹ ĠU L 354 of 28.12. 2013, p. 171.

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Ftehim ta' Pariġi ta' Diċembru 2015, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjaneta nadifa għal kulħadd", li tippreżenta viżjoni strateġika fit-tul għal ekonomija tal-UE li tkun prospera, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050 u r-rapport speċjali tal-IPCC "Tisħin Globali ta' 1.5 °C";

FILWAQT LI JFAKKAR fis-sejbiet tar-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-IPBES tal-2019 dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi tal-Ekosistema, li jwissi li n-natura sejra lura fid-dinja kollha b'rati bla preċedent fl-istorja tal-bniedem u li r-rata tal-estinzjonijiet tal-ispeċi qiegħda dejjem tiżdied, b'impatt gravi fuq il-prodotti u s-servizzi pprovduti min-natura u għan-nies madwar id-dinja;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Global Environment Outlook 6, il-Global Chemicals Outlook II, il-Global Resources Outlook 2019 u r-rapporti indikaturi ambjentali annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-Aġenda Strateġika l-Ġdida għall-2019-2024 adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019, li tisħaq fuq il-bżonn urġenti li tinbena Ewropa newtrali għall-klima, ekoloġika, ġusta u soċjali;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-intenzjoni tal-President elett tal-Kummissjoni li jippreżenta Patt Ekoloġiku Ewropew;

FILWAQT LI JFAKKAR fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tas-Seba' EAP u fl-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni "Lejn it-Tmien EAP";

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

- Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030²;
- Lejn Strateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi³;
- **Aktar Ċirkolarità - Transizzjoni lejn soċjetà sostenibbli⁴;**

² 8286/19

³ 10713/19

⁴ **12791/19**

1. JISĦAQ li ekosistemi li jiffunzjonaw tajjeb u s-servizzi li jipprovdu huma s-sisien ta' soċjetà ġusta, sana u prospera u JISSOTTOLINJA l-bżonn urġenti li tittieħed azzjoni peress li nqabżu diversi limiti pjanetarji u peress li t-tibdil fil-klima, it-tniġġis, it-telf tal-bijodiversità u d-domanda dejjem tiżdied fuq ir-riżorsi naturali qed jipperikolaw il-benesseri u l-prospetti tal-ġenerazzjonijiet tal-lum u dawk futuri; JINSISTI li n-nuqqas ta' azzjoni llum qed joħloq spejjeż kbar għall-ambjent, is-saħħa tal-bniedem, il-benesseri u l-ekonomija; IFAKKAR li l-Unjoni hija impenjata lejn livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, lejn it-titjib tal-kwalità tal-ambjent, u lejn il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

Evalwazzjoni tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali

2. JILQA' r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tas-Seba' EAP;
3. JIRRIKONOXXI s-sejbiet prinċipali tar-rapport tal-Kummissjoni, li skontu l-viżjoni għall-2050 u t-tliet prijetajiet tematiċi⁵ għadhom validi; madankollu, JINSAB FERM IMĦASSEB li għad fadal sfidi kbar fl-oqsma tal-politika dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima;
4. JINNOTA li l-evalwazzjoni ssib li sar xi progress lejn il-kisba tal-għanijiet iffissati mis-Seba' EAP, u li inqas progress inkiseb f'azzjonijiet b'rabta mal-kapital naturali, l-ambjent u s-saħħa, l-implimentazzjoni u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali f'politiki oħra;

⁵ Li jiġi protett, ippreservat u msaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni; li l-Unjoni ssir ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika, u kompetittiva b'livelli baxx ta' karbonju; li jitħarsu ċ-ċittadini tal-Unjoni mill-perssionijiet relatati mal-ambjent u r-riskji għas-saħħa u l-benesseri.

5. JAQBEL mas-sejba tal-evalwazzjoni li s-Seba' EAP jipprovdi valur miżjud sostanzjali fil-qasam tal-politika dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima; f'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA li s-Seba' EAP jistabbilixxi strateġija soda, joħloq rabtiet qawwija u koerenti mal-istrateġiji nazzjonali, jikkontribwixxi għal azzjonijiet aktar prevedibbli, rapidi u kkoordinati fil-qasam tal-politika dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima u jagħmilha possibbli li l-UE titkellem b'vuċi waħda fin-negożjati internazzjonali dwar l-ambjent;
6. IFAKKAR li s-Seba' EAP jkopri sal-31 ta' Diċembru 2020; JITLOB lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom sabiex jikkompletaw l-azzjonijiet għall-oġettivi prijoritarji, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kapital naturali, il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema, is-saħħa, it-tniġġis tal-arja, il-kwalità tal-ilma, is-sustanzi kimiċi perikolużi u l-investiment; IHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni biex tippreżenta mingħajr aktar dewmien strateġija tal-Unjoni għal ambjent mhux tossiku, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, f'konformità mas-Seba' EAP u l-konklużjonijiet tal-Kunsill intitolati "Lejn Strateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi", li ser tindirizza bis-siġh l-interferenti endokrinali, l-effetti tal-kombinazzjoni ta' sustanzi kimiċi u kwistjonijiet b'rabta man-nanomaterjali;

It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali

7. JITLOB lill-Kummissjoni biex mhux aktar tard mill-bidu tal-2020 tippreżenta proposta ambizzjuża u ffukata għat-Tmien EAP għall-perjodu mill-2021 sal-2030 sabiex ma jinħoloqx vojt bejn is-Seba' u t-Tmien EAP, kif speċifikat fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar is-Seba' EAP; u JISĦAQ li t-Tmien EAP għandu jsejjes fuq is-sejbiet tar-rapport ta' evalwazzjoni tas-Seba' EAP, kif ukoll fuq l-aktar xjenza u għarfien reċenti disponibbli, inkluż ir-Rapport 2020 dwar il-qagħda tal-ambjent Ewropew u l-prospetti għalih (SOER 2020), filwaqt li jqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni varji tal-Unjoni u l-Artikolu 191(3) TFUE;

8. JITLOB lill-Kummissjoni biex, b'rabta ma' dan, terġa' tistabbilixxi jew tidentifika objettivi prijoritarji komuni għall-azzjonijiet strateġiċi fil-qafas tat-Tmien EAP, waqt li żżomm il-viżjoni għall-2050 mis-Seba' EAP filwaqt li tibqa' wkoll tiffoka b'mod ċar fuq il-kisba ta' riżultati konkreti malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2030, sabiex it-Tmien EAP ikun il-pilastru ambjentali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fl-UE; f'dan ir-rigward, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa urġenti li titħaffef l-implimentazzjoni aktar rapida tal-Aġenda 2030, kemm globalment kif ukoll internament, bħala prijorità ġenerali tal-UE, għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħha u biex titħares il-kredibbiltà tagħha fl-Ewropa u madwar id-dinja;
9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex fit-Tmien EAP tinkludi mekkaniżmu ta' monitoraġġ definit tajjeb biex tiżgura s-sens ta' sjieda tal-impenji u t-twettiq tagħhom u indikaturi ċari u bbażati fuq ir-riżultati biex jitkejjel il-progress; dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandu jsejjes fuq il-mekkaniżmi eżistenti tar-rappurtar u l-ġbir ta' data (bħar-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali (EIR), is-Semestru Ewropew, is-SOER, l-SDGs u oħrajn), waqt li jevita d-duplikazzjoni u ż-żieda fil-piż amministrattiv għall-Istati Membri u l-korpi l-oħra tar-rappurtar; barra minn hekk, it-Tmien EAP għandu jinkludi rieżami ta' nofs il-perjodu fl-2024 biex isir rendikont tas-sitwazzjoni u jiġu indirizzati problemi ambjentali li jkunu qed ifeġġu;
10. IQIS li t-Tmien EAP għandu jkun rilevanti għall-partijiet kollha kkonċernati u għandu jintegra aħjar il-livelli differenti tal-governanza, l-atturi kollha rilevanti u sħubijiet ġodda, kif ukoll l-iżvilupp fi ftehimiet internazzjonali; JISSOTTOLINJA li t-Tmien EAP jrid jindirizza l-governanza ambjentali, inkluż kwistjonijiet bħat-trasparenza, l-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja; JENFASIZZA l-ħtieġa li jitjiebu l-implimentazzjoni, l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, l-informazzjoni, il-komunikazzjoni mal-pubbliku u s-sensibilizzazzjoni tiegħu; JINNOTA l-ħtieġa għall-faċilitazzjoni tal-iskambju tal-għarfien u tal-aħjar Prattika u li l-awtoritajiet jingħataw appoġġ fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw u jinfurzaw il-leġislazzjoni ambjentali;

11. JISSOTTOLINJA n-natura sistemika tal-isfidi ambjentali u klimatiċi tal-Ewropa u l-ħtieġa għal ħidma fuq pakketti ta' politika b'perspettiva usa' ta' sostenibbiltà, li jintegraw it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, jaħtfu bis-sħiħ l-oportunitajiet għal kobenefiċċji u sinerġiji bejn il-politiki ambjentali differenti – inkluż dawk li jindirizzaw il-klima, in-natura u l-bijodiversità, il-kwalità tal-arja u ambjent tal-ġajxien san, ir-riżorsi tal-ilma, u l-ekonomija ċirkulari – u l-integrazzjoni ġenerali tad-dimensjoni ambjentali, kif imfisser fid-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar l-SDGs, b'attenzjoni speċjali għall-politiki dwar il-kummerċ, l-agrikoltura u l-ikel, il-forestrija, is-sajd, l-enerġija, it-tħaffir ta' minjieri, l-industrija, il-protezzjoni ċivili, il-bini, l-infrastruttura, l-informatika u t-trasport u l-mobbiltà; JENFASIZZA l-ħtieġa li tingħata prijorità lil azzjonijiet għat-transizzjoni ekoloġika li tkun ġusta u li tintegra aħjar l-aspetti tal-ambjent u tal-klima fit-tfassil tal-politika soċjali, il-politika ekonomika u dik finanzjarja tal-UE;
12. JENFASIZZA l-importanza tat-tisħiħ tal-finanzjament tal-politika ambjentali u ta' finanzjament sostenibbli għat-transizzjoni ekoloġika; JISSOTTOLINJA l-importanza li kumpaniji responsabbli jintegraw objettivi ambjentali fil-pjanijiet kummerċjali tagħhom; JENFASIZZA, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġu mobilizzati investimenti privati u pubbliċi għat-transizzjoni ekoloġika, il-ħtieġa li l-ispejjeż ambjentali u soċjali esterni jiġu internalizzati fil-prezzijiet tas-suq, u l-ħtieġa ta' tneħħija gradwali tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent; JENFASIZZA WKOLL ir-rwol kruċjali ta' Orizzont Ewropa biex jistimula l-innovazzjoni u t-teknoloġiji li jxekklu t-transizzjoni ekoloġika; JAPPOĠĠA l-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli, b'mod partikolari l-qafas biex jiffaċilita l-investment sostenibbli;

13. JISSOTTOLINJA l-importanza li nipproteġu saħħet iċ-ċittadini tagħna, b'attenzjoni partikolari fuq it-titjib tal-kwalità tal-arja, il-kwalità tal-ilma u l-prevenzjoni jew minimizzazzjoni tal-esponiment għal kull sustanza ta' tħassib, speċjalment sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC), li jitqiegħdu fuq is-suq jew jiġu rilaxxati fl-ambjent fl-Ewropa kollha;
14. JENFASIZZA l-ħtieġa li titħaffef it-transizzjoni għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ċirkulari, mhux tossika, sikura u newtrali għall-klima b'xejriet ta' produzzjoni u konsum sikuri u sostenibbli, u li jittieħed ħsieb li t-tfassil tal-politika tal-kompetittività, il-politika industrijali, kummerċjali u diġitali tal-UE wkoll jikkontribwixxi għal dan l-oġettiv; JISSOTTOLINJA, f'dan ir-rigward, l-importanza li nimxu lejn ċikli tal-materjali li jkunu ċirkulari u mhux tossiċi permezz tat-titjib tal-ekodisinn tal-prodott u bl-akbar użu possibbli ta' materja prima sostenibbli, rinnovabbli u sekondarja, li mhix ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent; u JAPPELLA lill-Kummissjoni toħloq Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkulari u qafas strateġiku fit-tul, inkluż viżjoni komuni, għal ekonomija ċirkolari;
15. JITLOB lill-Kummissjoni tiżgura l-koerenza tat-Tmien EAP mal-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1.5 °C u mal-istrateġija fit-tul futura tal-UE dwar ekonomija newtrali għall-klima;
16. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tittieħed azzjoni urġenti addizzjonali li tipproteġi u tirrestawra l-bijodiversità ta' fuq l-art, tal-ilma ħelu u tal-baħar u s-servizzi tal-ekosistema, tal-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u li titkompla l-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija; u JITLOB lill-Kummissjoni twieġeb għall-isfidi ssottolinjati fir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-IPBES tal-2019 dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi tal-Ekosistema, li jinkludu l-ħames muturi ewlenin tat-telf ta' bijodiversità;

17. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li fit-Tmien EAP jiġu inklużi miri tal-bijodiversità ambizzjużi, realistiki u li jistgħu jitkejlu, biex jiżguraw finanzjament adegwat u konsistenti għall-bijodiversità, biex tkompli l-ħidma fuq grupp ta' indikaturi sabiex ikun jistgħu jiġu evalwati r-risultati kif xieraq, u biex jingħata kontribut għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; JAGĦRAF il-ħtieġa għal integrazzjoni sħiħa tal-bijodiversità fil-politika settorjali, fost l-oħrajn bi pjanijiet ta' azzjoni settorjali li jindirizzaw il-muturi tat-telf tal-bijodiversità; JAPPELLA lill-Kummissjoni tirrevedi l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità billi tqis ir-risultati tas-CBD COP fl-2020;
18. JISSOTTOLINJA l-vantaġġi tal-promozzjoni tal-valuri tal-UE u l-istandards ambjentali tal-UE madwar id-dinja, mhux biss biex tiddefendi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, imma wkoll biex hija tkun l-ewwel fit-transizzjoni ekonomika ekoloġika u inklużiva, tgħin lill-UE biex tikkwadra l-istandards globali u tgawdi minn vantaġġ kompetittiv qawwi; JENFASIZZA l-ħtieġa li jitħarsu l-istandards Ewropej u li jkun żgurat li l-politika kummerċjali ssir aktar koerenti mal-valuri tal-UE tal-iżvilupp sostenibbli, inkluż il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità;
19. JENFASIZZA l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u tat-teknoloġiji l-ġodda, fosthom id-data satellitari, it-telerilevament u l-intelliġenza artiċjali; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tindirizza l-opportunitajiet u r-riskji u l-isfidi possibbli tat-trasformazzjoni diġitali b'mod sistematiku; JENFASIZZA l-ħtieġa li jitjiebu l-ġbir, l-analiżi u l-użu tad-data u li jintuża l-potenzjal tad-data aggregata fil-ksib tar-risultati, iż-żieda tal-bażi tal-ġarfien, it-trawwim tal-ekoinnovazzjoni, u biex it-transizzjoni ekoloġika tissawwar f'opportunità permezz ta' mudelli kummerċjali, proċessi, prodotti u servizzi ġodda; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għas-sistemi tad-data u l-informazzjoni ambjentali u l-użu tagħhom kif ukoll biex jippromwovu l-aħjar prassi;

20. JISĦAQ fuq il-ħtieġa tal-involviment tas-soċjetà ċivili, inkluż iż-żgħażaġħ, is-settur privat u d-dinja akkademika fi djalogu attiv kemm qabel ma t-Tmien EAP jiġi adottat kif ukoll tul iż-żmien kollu tiegħu; JISSOTTOLINJA r-rwol essenzjali tal-ibliet fl-implimentazzjoni tal-EAP u biex jistimulaw il-parteċipazzjoni tal-pubbliku.
-